

Brussell, 16 ta' Novembru 2015
(OR. en)

13989/15

COMPET 507
MI 711
IND 183

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġja tal-Kunsill ("Kompetittività") tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2015</i> "Eżami" tal-kompetittività: Żviluppi ekonomiċi u integrazzjoni tal-kompetittività fl-oqsma kollha ta' politika - Preżentazzjoni mill-Kummissjoni - Preżentazzjoni tar-rapport mill-Presidenza dwar l-integrazzjoni tal-kompetittività - Skambju ta' fehmiet

INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2014 iddikjara li l-UE teħtieġ bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva bħala mutur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, kemm f'termini ta' produzzjoni kif ukoll ta' investiment.

Biex jintlaħaq dan l-għan, il-Kunsill Ewropew saħaq dwar il-hteġa li jittieħed kont ta' tħassib dwar il-kompetittività industrijali fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE jew, fi kliem ieħor, li **tiġi integrata l-kompetittività**.¹

¹ Dok. EUCO 7/1/14 tal-21 ta' Marzu 2014

Is-sejħa tal-Kunsill Ewropew ġiet adottata mit-Triju ta' Presidenzi, l-Italja, il-Latvja u l-Lussemburgu (mit-tieni nofs tal-2014 - tmiem l- 2015), li għamluha waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-programm ta' ħidma konġunt tagħhom.²

Bi tkomplija fuq il-ħidma mwettqa taħt il-Previdenza Taljana u dik Latvjana, il-Previdenza tal-Lussemburgu użat l-aħħar sitt xhur biex tpoġġi fil-prattika xi innovazzjonijiet biex jiffaċilitaw aktar l-implimentazzjoni Prattika tal-integrazzjoni tal-kompetittività fil-konfigurazzjoni Kompetittività tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem il-Kunsill Kompetittività).

Il-Previdenza tal-Lussemburgu ffokat b'mod partikolari fuq iż-żewġ linji ta' ħidma li ġejjin:

- L-introduzzjoni ta' **metodi ta' ħidma ġodda** maħsuba biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni filwaqt li jtejb u l-funzjonament tal-Kunsill Kompetittività, bħat-tnejja tal-“Eżami tal-Kompetittività”, l-istabbiliment ta' “Lista ta' integrazzjoni tal-Previdenza” li tkopri l-proposti attwali u futuri l-aktar importanti li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' laqgħat konġunti tal-gruppi ta' ħidma bejn oqsma differenti ta' għarfien espert biex jiġi inkoraġġit approċċ integrat għall-kompetittività.
- Analiżi approfondita ta' sensiela ta' **kwistjonijiet sostantivi relatati mal-kompetittività tal-UE** - bħat-titjib fil-klima tal-investiment fl-UE, it-tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji intensivi fl-enerġija, it-titjib tal-funzjonament tas-Suq Uniku u l-kwalità inġenerali tal-qafas regolatorju, u li jittieħed kont aħjar tal-ħtiġijiet tal-SMEs³ - bil-għan li jiġu identifikati ostakli possibbli u prijoritajiet għal azzjoni.

Il-Previdenza ffaċċjat il-ħidma tagħha mill-angolu ta' **identifikazzjoni tal-valur miżjud Ewropew** billi ffokat fuq azzjonijiet fil-livell tal-UE li jistgħu jwasslu għal benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini u n-negozji, b'mod partikolari l-SMEs.

² Dokument 11258/14

³ Fit-test tar-rapport tingħata ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-kwistjonijiet.

Abbażi tal-ħidma mwettqa f'dan il-kuntest, l-għan tar-rapport fl-Anness huwa li jiżen il-progress miksub u li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-ħidma mwettqa taħt il-Presidenza Lussemburġiża.

Hu jressaq ukoll rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' tittejjeb aktar l-integrazzjoni tal-kompetittività fil-futur, u li jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

- Għandha tingħata prijorità għolja biex ikompli jiġi promoss **approċċ integrat għall-kompetittività** fi ħdan il-Kunsill Kompetittività u bejn formazzjonijiet tal-Kunsill.
- Il-Kunsill Kompetittività għandu jisfrutta u jkompli jiżviluppa l-**lista ta' integrazzjoni tal-Presidenza u l-Eżami tal-Kompetittività** bħala għodod ta' monitoraġġ għall-integrazzjoni tal-kompetittività u għat-titjib tal-funzjonament tal-Kunsill Kompetittività. Dawn l-għodod għandhom jgħinu lill-Kunsill biex iwettaq il-mandat tiegħu u biex jirreaġixxi fil-pront għal kwistjonijiet importanti marbutin mal-ekonomija reali.
- L-**integrazzjoni** għandha tiġi **implimentata wkoll fil-livell nazzjonali** permezz ta' sforzi xierqa ta' koordinazzjoni. Il-lista ta' integrazzjoni tista' tkun ta' għajjnuna f'dan ir-rigward.
- Il-governanza ta' proċessi politiċi kbar marbuta mal-kompetittività, bħas-**Suq Uniku Diġitali** u l-**Istrateġija tas-Suq Uniku**, għandhom jissaħħu, u l-Kunsill Kompetittività għandu jassumi r-rwol tiegħu b'mod attiv.
- Il-Kummissjoni għandha tipprovdi aktar informazzjoni dettaljata dwar **iż-żmien u l-kontenut ta' azzjonijiet speċifiċi ppjanati mill-Kummissjoni** biex japprofondixxu l-integrazzjoni tal-kompetittività, kemm fir-rigward ta' miżuri orizzontali kif ukoll daww speċifiċi għas-settur.
- Il-**Grupp ta' Livell Għoli** dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir għandu jkun involuti fit-tħejjija u l-analiżi ulterjuri tal-kwistjonijiet tal-integrazzjoni, u għandu jkompli jagħmel monitoraġġ tal-**implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill**.

Il-Presidenza Lussemburġiża tistieden lill-Presidenzi futuri u lill-Kummissjoni biex jibnu fuq is-sejbiet ta' dan ir-rapport u biex jikkunsidraw segwitu fuqhom.

L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-INTEGRAZZJONI TAL-KOMPETITTIVITÀ

SITWAZZJONI ATTWALI U PERSPETTIVI

RAPPORT MILL-PRESIDENZA

I. MANDAT TAL-KUNSILL KOMPETITTIVITÀ

Il-kunsiderazzjoni sistematika tal-kompetittività mhijiex idea ġdida fil-Kunsill. Meta twaqqaf fl-2002, il-Kunsill Kompetittività kien maħsub biex ikollu r-rwol ta' osservatorju strateġiku tal-kompetittività.⁴

Ftit xhur wara li nholq, il-Kunsill Kompetittività ngħata mandat wiesa' mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2003 sabiex *"jiġi kkonsultat b'mod effettiv fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar proposti li hu meqjus li x'aktarx ikollhom effetti sostanzjali fuq il-kompetittività, flimkien mar-responsabbiltà tal-formazzjonijiet kollha tal-Kunsill biex jivvalutaw l-impatt tal-qasam ta' ħidma tagħhom."*⁵

Fl-istess waqt il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-Kunsill Kompetittività *"għandu jassumi b'mod attiv ir-rwol orizzontali tiegħu li jsaħħaħ il-kompetittività u t-tkabbir (...), li tirrieżamina fuq bażi regolari kemm kwistjonijiet orizzontali u dawk settorjali."*⁶

II. IT-TITJIB TAL-FUNZJONAMENT TAL-KUNSILL KOMPETITTIVITÀ

Il-Kunsill Kompetittività konsistentement tħabab biex ikun jista' jonora dan ir-rwol u kien hemm kunsens dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati metodi ta' ħidma ġodda sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu.

⁴ Permezz ta' fużjoni tal-eks-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill "Industrija", "Suq Intern" u "Riċerka".

⁵ Dokument 8410/03

⁶ Ibid.

F'Settembru 2014, taħt il-Presidenza Taljana, il-Kunsill Kompetittività ddeċieda li "*jaqdi l-mandat tiegħu b'mod aktar strutturat u aktar sistematiku biex jeżamina l-proposti rilevanti kollha li għandhom effetti sostanzjali fuq il-kompetittività*", u li "*jkollu dibattiti regolari dwar l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-kompetittività industrijali [appellata mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2014]*"⁷, *abbażi ta' informazzjoni li għandha tingħata mill-Kummissjoni.*"⁸

Il-passi konkreti li ġejjin ġew sussegwentement meħuda biex jittejjeb il-funzjonament operattiv tal-Kunsill Kompetittività.

i) L-Eżami tal-Kompetittività

Bl-appoġġ qawwi kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-Kummissjoni, il-Presidenza Lussemburġiża stabbilixxiet metodu ta' ħidma ġdid sabiex jissaħħaħ ir-rwol strateġiku tal-Kunsill Kompetittività: l-Eżami tal-Kompetittività (minn hawn 'il quddiem l-Eżami).

L-għan tal-Eżami huwa li jippermetti lill-Ministri jressqu prioritajiet u jirrispondu għal kwistjonijiet u żviluppi urġenti fl-oqsma kollha li huma rilevanti għall-ħidma ċentrali tal-Kunsill tal-Kompetittività: l-ekonomija reali.

L-Eżami jieħu l-forma ta' dibattitu miftuħ bejn il-Ministri u l-Kummissjoni fil-bidu ta' kull laqgħa tal-Kunsill Kompetittività. F'termini tar-riżultati u s-segwitu, huwa maħsub biex jieħu kont tas-sitwazzjoni attwali, jidentifika l-prioritajiet għal aktar ħidma - fil-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu - u wkoll biex jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni fuq kwistjonijiet importanti fil-livell nazzjonali.

Minbarra kwistjonijiet ta' kontenut, l-Eżami għandu jkun ukoll għodda li ttejjeb id-dinamika tal-laqgħat tal-Kunsill Kompetittività billi tagħmilhom aktar spontanji u interattivi.

L-ewwel Eżami sar fil-laqgħa tal-1 ta' Ottubru 2015 tal-Kunsill Kompetittività. Dan kien mibni fuq żewġ elementi ewlenin:

⁷ Ibid.

⁸ Dokument 13338/14

- a) Preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar indikaturi ewlenin rigward il-kompetittività u l-integrazzjoni tas-suq, bħalma huma l-integrazzjoni tal-kummerċ ta' oġġetti u servizzi, u l-aħħar tendenzi fil-qasam tal-IDB u l-investment. Matul il-preżentazzjoni ġie enfasizzat qasam partikolari ta' interess: ir-rabta bejn il-politika ambjentali u r-regolamentazzjoni aħjar u, b'mod aktar ġenerali, il-bżonn li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju jkun prevedibbli, ċar u konsistenti.
- b) Il-lista ta' integrazzjoni tal-Presidenza: dokument informali tal-Presidenza li jipprovdi ħarsa ġenerali indikattiva u mhux eżawrjenti lejn inizzjattivi attwali u futuri tal-UE, li x'aktarx ikollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività, inklużi inizzjattivi li jaqgħu fil-kompetenza ta' konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill. Biex jiġi ffaċilitat ir-rwol ta' monitoraġġ tal-Kunsill Kompetittività rigward l-integrità u l-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern, inizzjattivi b'bażi legali tas-Suq Intern (l-Artikolu 114 TFUE) huma indikati speċifikament fuq il-lista.

L-Eżami ġġenera dibattitu sostantiv u miftuħ dwar il-prijoritajiet ewlenin għall-integrazzjoni tal-kompetittività identifikati mill-Ministri. Rigward il-kwistjoni ta' effiċjenza regolatorja, għenet ukoll biex turi li mhux neċessarjament hemm rabta diretta bejn il-livell ta' ambizzjoni tal-leġislazzjoni u l-piż regolatorju li toħloq, jiġifieri li huwa possibbli li wieħed jimmira għal livell għoli ta' ambizzjoni waqt li l-piż regolatorju jinżamm fuq livell minimu.

Is-suġġerimenti segwenti għal titjib tqajmu u sussegwentement ittieħed kont tagħhom bil-ħsieb ta' diskussjonijiet futuri dwar l-Eżami:

- Jeħtieġ li ssir enfasi aktar qawwi fuq l-analiżi mikroekonomika, abbażi tal-aħħar data disponibbli, kif ukoll fuq il-paragun bejn il-kompetittività tal-UE u pajjiżi terzi (id-“dimensjoni internazzjonali”).
- Għandu jkun hemm distinzjoni aktar ċara bejn id-dibattitu dwar il-preżentazzjoni tal-Eżami mogħtija mill-Kummissjoni u l-lista ta' integrazzjoni tal-Presidenza.
- Il-lista dwar l-integrazzjoni m'għandhiex tiġi diskussa fl-intier tagħha. Minflok, il-Presidenza għandha tagħżel kwistjoni waħda jew tnejn għal kunsiderazzjoni approfondita f'kull laqgħa tal-Kunsill.

- Il-lista ta' integrazzjoni tal-Presidenza tista' sservi ta' għodda utli għall-monitoraġġ tal-aktar dossiers importanti b'rilevanza għall-kompetittività. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw il-lista għall-finijiet ta' koordinazzjoni interna fi ħdan l-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom.
- Għandu jiġi kkunsidrat approċċ aktar strutturat fir-rigward tal-kwistjonijiet u l-indikaturi li għandhom jiġu eżaminati f'kull laqgħa tal-Kunsill.

ii) Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir

Taħt il-Presidenza Taljana, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (minn hawn' il quddiem imsejjaħ l-HLG) ġie stabbilit b'mod formali bħala grupp ta' ħidma taħt il-kompetenza tal-Coreper I.⁹

Il-mandat tal-HLG huwa li jipprovdi appoġġ lill-Kunsill Kompetittività, inkluż fir-rigward tal-monitoraġġ u l-integrazzjoni tal-kompetittività.

Sabiex jipromwovi l-kontinwità, l-HLG ingħata Presidenza stabbli matul il-Triju ta' Presidenzi tal-Italja, tal-Latvja u tal-Lussemburgu. It-Triju ħatar konguntemment lir-rappreżentant Latvjani tal-HLG bħala President tal-HLG, filwaqt li l-Italja u l-Lussemburgu ħatru Viċi-President kull wieħed.¹⁰

Matul it-Triju l-HLG kellu diskussjonijiet approfonditi dwar kwistjonijiet ta' integrazzjoni importanti, inkluż l-Unjoni tal-Enerġija, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-istabbiliment possibbli ta' "Awtoritajiet tal-Kompetittività" nazzjonali.¹¹

Taħt il-Presidenza Latvjana, l-HLG nieda eżerċizzju ta' rendikont dwar l-implimentazzjoni ta' konklużjonijiet tal-passat adottati mill-Kunsill Kompetittività sabiex jiġi vvalutat, b'mod sistematiku, jekk il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri hux qed jonoraw l-impenji tagħhom.

⁹ Dokument 15006/14

¹⁰ Barra minn hekk, il-Viċi President Taljan ġie inkarigat bil-mandat speċjali tat-Triju "*sabiex jiffformula proposti dwar strateġiji, governanza u l-funzjonament operazzjonali biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-HLG favur il-kompetittività Ewropea*".

¹¹ Kif propost fir-"Rapport tal-Ħames Presidenti" dwar l-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

F'termini ta' titjib futur, ġie ssuġġerit li jissaħħa l-involvement tal-HLG fit-tħejjija u s-segwitu tal-fajls mhux leġislattivi fuq l-aġenda tal-Kunsill, inkluż dwar kwistjonijiet identifikati fl-Eżami, u li tiġi żgurata koordinazzjoni tajba bejn l-HLG u l-grupp ta' ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir.

*iii) **L-inkoraġġiment ta' approċċi interdixxiplinarji***

Biex jiġi promoss approċċ aktar integrat għall-kompetittività, il-Presidenza ħeġġet il-kooperazzjoni bejn gruppi ta' ħidma differenti tal-Kunsill li jittrattaw kwistjonijiet importanti għall-kompetittività, kemm fl-ambitu tal-Kunsill Kompetittività u bejn il-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill.

Ġew organizzati diversi laqgħat konġunti bejn il-gruppi ta' ħidma ta' Regolamentazzjoni Aħjar u l-Industrija, u bejn dawk tas-Suq Intern u l-Industrija.

Saru wkoll laqgħat konġunti bejn il-gruppi ta' ħidma tas-Suq Intern u tat-Telekomunikazzjoni (dwar is-Suq Uniku Diġitali), u l-kunsillieri tal-Ambjent ġew mistiedna biex jipparteċipaw f'laqgħa tal-Industrija dwar il-kompetittività tal-industriji intensivi fl-enerġija.

B'mod ġenerali, il-laqgħat konġunti ngħataw appoġġ qawwi mid-delegazzjonijiet u tqiesu bħala metodu dinamiku u effettiv sabiex ikun hemm fehim komuni bejn diversi oqsma ta' għarfien espert.

Kien hemm ukoll qbil wiesa' li l-prattika ta' laqgħat konġunti għandha tiġi sfruttata aktar taħt Presidenzi futuri. Matul id-diskussjonijiet, xi delegazzjonijiet appoġġaw l-idea li jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma ad hoc dwar kwistjonijiet importanti b'rilevanza għal diversi konfigurazzjonijiet tal-Kunsill.

III. ĦIDMA TEMATIKA FUQ L-INTEGRAZZJONI TAL-KOMPETITTIVITÀ

Il-Presidenza organizzat sensiela ta' laqgħat u diskussjonijiet tematiċi dwar fatturi importanti ta' kompetittività li jiġu identifikati l-isfidi ewlenin. Dan sar l-aktar fil-preżenza tal-partijiet ikkonċernati u esperti esterni, li ġew mistiedna biex jagħtu informazzjoni għad-diskussjonijiet.

It-Taqsimiet minn a. sa g. ta' hawn taħt jipprovdu ħarsa ġenerali indikattiva u mhux eżawrjenti lejn din il-ħidma u lejn il-messaġġi u r-risultati ewlenin identifikati mill-Presidenza.

a. Approċċ ġenerali ta' politika għall-integrazzjoni tal-kompetittività

F'Ġunju 2015, il-Kummissarju Bienkowska bagħtet ittra lill-Ministri għall-Kompetittività dwar il-ħidma li l-Kummissjoni qed twettaq biex tippromwovi l-kompetittività industrijali u l-inklużjoni tagħha fil-politiki kollha tal-UE.

Il-kontenut tal-ittra ġie eżaminat mill-grupp ta' ħidma tal-Industrija. L-Istati Membri laqgħu b'mod ġenerali l-approċċ integrat stipulat mill-Kummissjoni, li enfasizza l-ħtieġa li jittieħdu aktar inkunsiderazzjoni l-ktajjen tal-valur u li tiġi adottata perspettiva usa' dwar il-politika industrijali, inklużi aspetti importanti bħalma huma s-servizzi, id-diġitalizzazzjoni, ir-regolamentazzjoni aħjar u s-suq intern.

Ħafna delegazzjonijiet esprimew interess li jirċievu aktar informazzjoni dettaljata dwar iż-żmien u l-kontenut ta' azzjonijiet speċifiċi ppjanati mill-Kummissjoni. Għadd ta' delegazzjonijiet issottolinjaw ukoll il-ħtieġa għal aktar integrazzjoni ta' politiki oħra tal-UE rilevanti għall-kompetittività tal-UE, bħal dawk dwar l-ambjent u l-klima. Għet enfasizzata wkoll l-importanza li tkompli ssir ħidma fuq politiki speċifiċi f'xi setturi industrijali u ktajjen ta' valur, fejn meħtieġ, bħala komplement għal miżuri orizzontali. Diversi delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li jittieħdu miżuri speċifiċi biex titjieb il-kompetittività tal-SMEs.

Qabel, il-Presidenza Latvjana kienet għamlet enfasi fuq il-miżuri meħtieġa biex tkun possibbli t-trasformazzjoni diġitali tal-industrija tal-UE u, f'termini aktar ġenerali, l-importanza li jittieħed kont aħjar tad-dimensjoni diġitali fil-politiki kollha tal-UE, li għandhom ikomplu jiġu segwiti matul l-2016.¹²

b. L-isfidi tal-kompetittività għall-industriji intensivi fl-enerġija

Il-kompetittività tal-industriji intensivi fl-enerġija kienet fost il-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza Lussemburġiża. Għet eżaminata fid-dawl ta' azzjonijiet importanti ta' politika li għaddejjin bħalissa, b'mod partikolari l-Unjoni tal-Enerġija, ir-riforma proposta tal-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS), u kunsiderazzjonijiet ta' politika kummerċjali. L-appoġġ ipprovdut mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) għal proġetti f'industriji intensivi fl-enerġija ġie eżaminat ukoll.

¹² Ara d-dok. 8993/15: "Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea".

L-isfidi serji li qed tiffaċċa l-industrija tal-azzar tal-UE ġew diskussi waqt laqgħa straordinarja tal-Kunsill Kompetittività fid-9 ta' Novembru 2015. Matul din il-laqgħa, kien hemm qbil biex tittieħed azzjoni sabiex tissaħħaħ il-kompetittività globali tas-settur tal-azzar Ewropew. Dan għandu jkun parti minn approċċ komprensiv bl-għan li jinħolqu kondizzjonijiet ta' qafas kompetittiv għall-industriji intensivi fl-enerġija b'mod ġenerali, inkluż permezz ta' ambjent regolatorju prevedibbli u konsistenti kif ukoll miżuri biex tiġi stimulata l-innovazzjoni. Il-miżuri li għandhom jittieħdu jinkludu li jsir użu sħiħ u f'waqtu tal-firxa ta' strumenti ta' politika kummerċjali tal-UE biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-livell globali, li jiġu sfruttati l-possibbiltajiet offruti mill-FEIS u l-qafas eżistenti tal-UE għall-Għajnuna mill-Istat kif ukoll li jiġi żgurat li l-ETS tal-UE tipprevjeni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju.¹³ Bħala segwitu, ġie deċiż li tiġi organizzata konferenza speċjali f'livell Għoli tal-partijiet ikkonċernati, li tinvolvi s-sħab soċjali, biex tirrevedi s-sitwazzjoni attwali u tikkunsidra azzjonijiet ta' politika.

Ir-riforma proposta tal-ETS tal-UE ġiet diskussa wkoll waqt diskussjoni ministerjali informali fil-marġini tal-laqgħa tal-1 ta' Ottubru 2015 tal-Kunsill Kompetittività.

Il-Presidenza siltet il-messaġġi ewlenin li ġejjin mid-dibattitu:

- Hemm hteġa li tiġi żgurata koordinazzjoni mill-qrib tal-fajl f'livell nazzjonali li l-Kunsill Kompetittività jinżamm infurmat dwar in-negozjati li jkunu għaddejjin.
- Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-ETS tal-UE tipprevjeni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju u tiffavorixxi investiment fit-tul fl-UE billi ttipprovdi ċertezza legali u prevedibbiltà.
- L-ETS tal-UE għandha toħloq l-inċentivi xierqa biex thegħeġ u tippremja daww bl-aħjar prestazzjoni fl-industriji kollha intensivi fl-enerġija u biex jiġi stimulat l-investiment fl-iktar soluzzjonijiet innovattivi u ekoloġiċi.

Barra minn hekk, dawn li ġejjin kienu fost il-kwistjonijiet ewlenin li tqajmu u jista' jkun jistħoqqilhom aktar kunsiderazzjoni:

¹³ Il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Kompetittività huma disponibbli f'din il-link: <http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2015/11/09-compet-presidency-conclusions/>

- L-introduzzjoni ta' mekkaniżmu armonizzat ta' kumpens għall-ispejjeż indiretti tal-karbonju.
- Miżuri biex jiġi żgurat li r-riskju ta' rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju jiġi ġestit b'mod effiċjenti, u b'mod aktar immirat, sabiex jipprovi allokkazzjonijiet sa 100% mingħajr ħlas għall-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti fis-setturi l-aktar esposti, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014.
- L-istabbiliment ta' parametri referenzjarji bbażati fuq id-data tal-produzzjoni l-aktar reċenti disponibbli, filwaqt li jitqies ukoll il-piż amministrattiv għan-negozji.
- Il-ħtieġa li jiġu appoġġati teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju fuq il-bażi tal-prinċipji ta' trasparenza u ta' eċċellenza.

c. *Nagħmlu użu mill-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar biex tissaħħaħ il-kompetittività tan-negozji tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs*

L-għan ta' din il-linja ta' ħidma kien li jiġi esplorat - minn lat konkret u prattiku - kif għodod ta' regolamentazzjoni u proċeduri aħjar jistgħu jikkontribwixxu biex jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni tkun adatta għall-iskop tagħha u li tagħti r-riżultati mixtieqa bl-aktar mod effiċjenti, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-SMEs u l-mikrointrapriżi.

Id-diskussjonijiet hađu inkunsiderazzjoni l-kuntest ġenerali tal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar u l-programm REFIT. Dawn koprew kemm l-evalwazzjoni ex-ante - valutazzjonijiet tal-impatt - kif ukoll l-istrumenti tal-evalwazzjoni ex-post, b'mod partikolari valutazzjonijiet tal-ispejjeż kumulattivi u kontroll tal-idoneità.

Ingħatat attenzjoni speċifika lill-mod li bih il-ħtiġijiet tal-SMEs jiġu kkunsidrati fil-leġislazzjoni tal-UE (il-prinċipju "L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir"). F'dan il-kuntest, ġew eżaminati r-rilevanza u l-esperjenza s'issa f'dawk li huma derogi speċifiċi jew reġimi inqas stretti għall-SMEs jew il-mikrointrapriżi.

Permezz tad-diskussjonijiet ġew enfasizzati b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

- Il-valutazzjoni ta' impatti regolatorji - ex-ante u ex-post - hija eżerċizzju kumpless iġenerali u l-metodoloġiji normalment iridu jitfasslu u applikati fuq bażi ta' każijiet individwali.
- Kwantifikazzjoni tal-impatti (f'termini ta' spejjeż potenzjali, benefiċċji, eċċ.) mhux dejjem tkun possibbli b'mod affidabbli. Madankollu, tali stimuli jistgħu jikkonstitwixxu evidenza utli li trid tiġi meqjusa fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, fost elementi oħrajn.

- Filwaqt li l-evalwazzjonijiet ex-post tal-leġislazzjoni jagħtu informazzjoni siewja dwar kif taħdem ir-regolamentazzjoni fil-prattika, dawn huma ġeneralment kumplessi ferm biex jitwettqu u intensivi f'termini ta' spejjeż u ħin. Is-suġġetti għal evalwazzjoni ex-post għandhom għalhekk jintgħażlu bir-reqqa u jiġu ddefiniti b'mod preċiż.
- Hemm hteġa għal segwitu aktar sistematiku tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet ex-post, bħall-valutazzjonijiet tal-ispejjeż kumulattivi dwar l-azzar u l-aluminju. Barra minn hekk, ġie ssuġġerit li jitwettqu valutazzjonijiet tal-ispejjeż kumulattivi addizzjonali f'setturi oħra tal-manifattura jew fis-servizzi.
- Issemmiet il-hteġa li tissaħħaħ it-Tabella ta' Valutazzjoni tar-REFIT bl-introduzzjoni ta' aktar stimi kwantitattivi tal-effetti tal-programm REFIT.
- Derogi speċifiċi jew reġimi inqas stretti għall-SMEs u l-mikrointrapriżi jistgħu jkunu effettivi f'ċerti oqsma, għalkemm jistgħu jkunu wkoll kontroproduktivi meta l-SMEs ifittxu finanzjament kummerċjali.
- L-għan prinċipali għandu jibqa' li tinkiseb leġislazzjoni ċara u sempliċi għan-negozji kollha, kbar u żgħar, speċjalment minħabba l-predominanza kbira ta' SMEs u mikrointrapriżi fl-ekonomija (li jirrappreżentaw b'kollox madwar 98% tan-negozji tal-UE).
- Jista' jkun hemm differenzi sinifikanti bejn it-tipi differenti ta' negozji li jikkwalifikaw bħala SME, inklużi mikrointrapriżi u negozji ġodda (start-ups), li jista' jkollhom ħteġijiet u aspettattivi differenti ħafna fir-rigward tar-regolamentazzjoni, skont il-każ.
- Minbarra l-evalwazzjoni tal-ispejjeż u tal-piżijiet, jidher li hu importanti li wieħed iqis il-valur miżjud u l-benefiċċji li tista' tagħti r-regolamentazzjoni tal-UE lin-negozji, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħolqien ta' ċertezza legali u l-eliminazzjoni tal-piż għan-negozji biex jikkonformaw ma' 28 sett differenti ta' leġislazzjoni nazzjonali.

d. Napprofondixxu l-integrazzjoni tas-Suq Uniku

Il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku, inkluż online, huwa wieħed mill-fatturi ewlenin tal-kompetittività għall-UE. Huwa wkoll wieħed mill-uniċi fatturi tal-kompetittività li għadu fil-bieċa l-kbira f'idejn l-UE (kuntrarju għal oqsma oħra li jiddependu aktar mill-ambjent globali jew il-politiki nazzjonali): l-UE hija libera li tiddeċiedi dwar ir-regoli tagħha tas-Suq Uniku u dwar il-livell ta' ambizzjoni tagħhom.

Iżda s-Suq Uniku għadu frammentat f' bosta oqsma u l-UE għadha ferm 'il bogħod milli tissodisfa l-għan li jippermetti lill-kumpanniji u lill-konsumaturi Ewropej ibiegħu u jixtru oġġetti u servizzi kullimkien fl-UE bl-istess faċilità bħalma jagħmlu fis-swieq nazzjonali tagħhom. Ħafna drabi dawn għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' 28 "suq żgħir".

L-approfondiment tas-Suq Uniku, inkluż is-Suq Uniku Diġitali, billi titneħħa l-**"Ispiża sostantiva ta' Non-Ewropa"**¹⁴ kkawżata minn ostakoli li fadal, kien u għadu prijorità ewlenija tal-Presidenza.

Matul il-laqgħa informali tal-Ministri għall-Kompetittività fl-20 ta' Lulju 2015 fil-Lussemburgu, ġew enfasizzati l-benefiċċji ta' u l-ħtieġa għal regoli tal-UE "tajbin" li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq billi jeliminaw l-ostakli. Regoli tal-UE tajbin iġibu magħhom benefiċċji tanġibbli għan-negozji kif ukoll għaċ-ċittadini u l-konsumaturi.

Abbażi tad-diskussjonijiet fil-Kunsill informali, il-Presidenza kkonkludiet li hemm domanda qawwija fost l-Istati Membri u n-negozji għal leġislazzjoni tal-UE aktar effiċjenti u aktar iffukata, u biex isir użu minn daww l-għodod regulatorji li jinkoraġġixxu l-integrazzjoni tas-suq u ċ-ċertezza legali, speċjalment billi fil-leġislazzjoni tal-UE tiġi kkumbinata l-armonizzazzjoni mmirata mar-rikonoxximent reċiproku.

Il-Presidenza ttrattat ukoll żewġ inizjattivi prinċipali mressqa mill-Kummissjoni biex jiġi approfondit is-Suq Uniku: l-istrateġiji għal "Suq Uniku Diġitali" u "Suq Uniku".

Dwar is-Suq Uniku Diġitali, sar xogħol taħt il-Presidenza Latvjana fir-rigward tal-istabbiliment tal-prijoritajiet ewlenin. Fin-nuqqas ta' proposti leġislattivi, li huma mistennija lejn l-aħħar tal-2015 u matul l-2016, il-Presidenza Lussemburgiża ffukat fuq il-monitoraġġ tal-ħidma li għaddejja fi ħdan il-Kummissjoni u fuq l-analiżi dettaljata ta' xi kwistjonijiet importanti marbuta mal-approċċ regulatorju futur tal-Kummissjoni, b' mod partikolari fir-rigward ta' pjattaformi online u l-ekonomija kollaborattiva. Għal dan l-għan, saru laqgħat konġunti bejn il-gruppi ta' ħidma tas-Suq Intern u t-Telekomunikazzjoni.

¹⁴ Ara r-rapport: [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/note/join/2014/563350/IPOL-AGRI_NT\(2014\)563350_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/note/join/2014/563350/IPOL-AGRI_NT(2014)563350_EN.pdf)

Barra minn hekk, il-Presidenza bdiet hídma dwar l-Istrateġija tas-Suq Uniku billi eżaminat il-prijoritajiet politiċi ewlenin proposti mill-Kummissjoni. Ir-rapport dwar l-Integrazzjoni tas-Suq Uniku u l-Kompetittività, li jistabbilixxi l-evidenza ekonomika ta' appoġġ għall-istrateġija, ġie eżaminat waqt laqgħa konġunta bejn il-gruppi ta' hídma tas-Suq Intern u l-Industrija.

Ġew identifikati b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

- L-Istrateġija tas-Suq Uniku u l-oġettivi tagħha huma appoġġati b'mod wiesa'.
- Sabiex jinkisbu riżultati tanġibbli f'termini ta' tkabbir u ħolqien ta' impjiegi, għandha tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa bejn din l-istrateġija u l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali.
- L-inizjattivi konkreti li għandhom jirriżultaw mill-Istrateġija tas-Suq Uniku, u l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, għandhom jikkontribwixxu b'mod effettiv biex jittejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku billi jitneħħew l-ostakli u tinħoloq iċ-ċertezza legali għall-operatori u l-konsumaturi.
- Sabiex tiġi żgurata konsistenza u konverġenza tar-riżultati huwa importanti li jkun hemm monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni taż-żewġ strateġiji, u d-diskussjonijiet dwar inizjattivi speċifiċi, fil-livell politiku fil-Kunsill.
- L-inkorporazzjoni, f'dokument wieħed, tar-rapporti annwali preċedenti dwar "il-kompetittività tal-UE" u "l-integrazzjoni tas-Suq Uniku" tintlaqa' b'mod favorevoli mid-delegazzjonijiet.
- Ir-rapport integrat ġeneralment jipprovdi bażi ta' evidenza tajba għall-valutazzjoni tal-funzjonament tas-Suq Uniku u biex jiġu identifikati ħtiġijiet ta' politika.
- Fid-dawl ta' edizzjonijiet futuri tar-rapport, huma meħtieġa sforzi ulterjuri għall-preżentazzjoni ta' qafas analitiku aktar konsistenti billi tinħoloq integrazzjoni/rabta aħjar bejn il-komponenti varji ta' dan ir-rapport, u bl-integrazzjoni tal-kapitli tal-pajjiżi dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri.
- Hemm ukoll interess qawwi biex il-qafas attwali jiġi kkomplementat biż-żieda ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi li jirriflettu l-kompetittività u l-integrazzjoni tas-Suq Uniku minn perspettiva ta' negozju, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-SMEs.
- Sabiex tinkiseb viżibbiltà politika għolja għall-integrazzjoni tas-Suq Uniku, tista' tiġi esplorata aktar l-idea li jiġi introdott indikatur ewleni (jew numru limitat tagħhom).

e. Aċċess aħjar mill-SMEs għall-finanzjament u l-promozzjoni tal-investiment

L-SMEs Ewropej b'mod konsistenti qed isibuha diffiċli biex jikbru u biex iżidu l-attivitajiet tagħhom madwar is-Suq Uniku u fil-livell internazzjonali. Minbarra l-ostakli regolatorji, bħal leġislazzjoni li toħloq piżijiet żejda, proċeduri fil-livell nazzjonali, u ostakli għall-attivitajiet transfruntieri,¹⁵ l-aċċess għall-finanzi huwa, b'mod konsistenti, fost it-tħassib ewlieni tan-negozji. Għalhekk dan jidher ukoll dejjem fost il-prijoritajiet ewlenin ta' politika fil-livell tal-UE.

Minkejja l-attenzjoni mill-qrib li tingħata lil din il-kwistjoni, l-SMEs qed ikomplu jiffaċċaw diffikultajiet u konsegwentement, xi intrapriżi, partikolarment dawk b'rata għolja ta' tkabbir li għandhom l-aktar rekwiżiti kritiċi ta' finanzjament, jiddeċiedu li jirrilokaw l-attivitajiet tagħhom f'partijiet oħra tad-dinja (b'mod partikolari fl-Istati Uniti) bil-għan li jkabbru.

L-għan tal-Presidenza kien li tinkiseb ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni fis-suq sabiex tivvaluta x'tista' tagħmel l-UE biex ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament.

Dan involva l-kunsiderazzjoni ta' firxa ta' strumenti ta' finanzjament tal-UE relatati mal-kompetittività, inklużi Orizzont 2020, COSME,¹⁶ il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kif ukoll il-finanzjament disponibbli taħt il-FEIS.¹⁷

Saret ukoll enfasi qawwija fuq il-ħtieġa li titjieb id-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament – inklużi s-swieq kapitali, il-kapital ta' riskju u l-finanzjament kollettiv – li huma użati aktar f'partijiet oħra tad-dinja u għandhom jaqdu rwol akbar fil-provvediment ta' finanzjament għal negozji li jitħabtu biex jiksibu finanzjament, b'mod speċjali l-SMEs u l-istart-ups. L-istrumenti ta' finanzjament eżistenti tal-UE, bħall-FEIS, għandu jkollhom rwol f'dan ir-rigward.

¹⁵ Eżaminat fit-taqsimha c. hawn fuq.

¹⁶ Il-"Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju" (COSME) (2014 - 2020)

¹⁷ Ġew eżaminati wkoll ir-riżultati ewlenin tal-programmi taħt il-perijodu ta' finanzjament preċedenti (2007-2013).

Ġew identifikati b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

- Hemm firxa wiesgħa ta' opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli taħt l-istrumenti finanzjarji tal-UE, li ġeneralment qed jagħtu riżultati tajbin. Madankollu, ikun ta' benefiċċju li ssir aktar analiżi rigward l-użu mill-SMEs u l-impatt fuqhom.
- In-negozji spiss ma jkunux konxji mill-possibbiltajiet eżistenti u l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-aġenziji ta' promozzjoni ħafna drabi jbatu biex l-informazzjoni rilevanti titqassam lill-gruppi fil-mira intenzjonati. It-tixrid ta' informazzjoni lill-SMEs hu kruċjali.
- L-għarfien u s-sensibilizzazzjoni finanzjarja għandhom jiżdiedu permezz tat-taħriġ u interkonnessjoni aħjar bejn l-SMEs, l-intermedjarji finanzjarji u l-għarfien espert eżistenti.
- Is-sensibilizzazzjoni u l-faċilità ta' użu ta' portal ċentrali ta' finanzjament tal-UE¹⁸ jistgħu jittjiebu aktar billi dan jiġi promoss aħjar, bil-mobilizzazzjoni ta' organizzazzjonijiet intermedjarji tal-SMEs, eċċ.
- Hemm appoġġ qawwi biex jiġu stabbiliti azzjonijiet ambizzjużi fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali sabiex jagħtu spinta lil sorsi alternattivi ta' finanzjament.
- It-titjib tal-aċċess għal sorsi tradizzjonali ta' finanzjament, partikolarment self minn banek, għadu ta' importanza kbira bħala parti mill-ekosistema finanzjarja, inkluż għal SMEs tradizzjonali u inqas innovattivi li għalihom sorsi alternattivi ta' finanzjament huma ġeneralment inqas rilevanti.
- Hemm bżonn li tiġi żgurata koordinazzjoni tajba bejn il-miżuri fil-livell tal-UE u skemi eżistenti u l-kondizzjonijiet tas-suq fl-Istati Membri.

f. Il-kunsiderazzjoni tal-ktajjen tal-valur fit-tfassil tal-politika

Il-produzzjoni, il-kummerċ, u l-investimenti internazzjonali huma dejjem iżjed organizzati fi ħdan Ktajjen tal-Valur Globali (GVCs) fejn l-istadji differenti tal-proċess ta' produzzjoni jkunu jinsabu f'pajjiżi differenti u, f'ħafna każijiet, f'kontinenti differenti.

L-UE qiegħda ferm fuq quddiem meta mqabbla ma' reġjuni oħra fir-rigward tal-integrazzjoni tal-kummerċ reġjonali. Permezz tas-Suq Uniku, il-kumpanniji Ewropej issa jistgħu jibbenefikaw aktar faċilment mill-ekonomiji ta' skala u minn tnaqqis fl-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet. Konsegwentement, dan ipprova wkoll bażi soda għal kumpanniji tal-UE biex jerġgħu jorjentaw ruħhom lejn attivitajiet b'valur miżjud ogħla u li jeħtieġu livell ogħla ta' hili. Dan ifisser li l-kumpanniji tal-UE huma diġà f'pożizzjoni tajba biex jipparteċipaw f'GVCs, u jibbenefikaw mit-tkabbir f'GVCs.

¹⁸ www.access2finance.eu

L-objettiv tal-Presidenza kien li jinkiseb fehim aħjar ta' kif jaħdmu l-ktajjen tal-valur u x'ifissru għan-negozji u għal dawk li jfasslu l-politika – anke fid-dawl tal-ittra dwar l-integrazzjoni tal-kompetittività mibgħuta mill-Kummissarju Bienkowska lill-Ministri għall-Kompetittività (ara iktar 'il fuq), li rreferiet għal miżuri li għandhom l-għan li jappoġġaw l-integrazzjoni tal-kumpanniji tal-UE fil-ktajjen tal-valur globali u Ewropej.

Ġew identifikati b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

- L-integrazzjoni mill-qrib tal-ktajjen tal-valur tal-UE u internazzjonali tqajjem kwistjonijiet kumplessi li jeħtieġ li jiġu vvalutati bir-reqqa fit-tfassil tal-politiki fil-livell tal-UE jew f'dak nazzjonali.
- B'mod ġenerali, il-SMEs jistgħu jibbenefikaw ħafna jekk ikunu, direttament jew indirettament, parti minn GVCs.
- Hemm kunsens qawwi dwar il-ħtieġa li jittieħed kont aħjar tal-GVCs fl-iżvilupp tal-politika tal-UE. Għandhom isiru sforzi ulterjuri biex ikun hemm fehim aħjar tal-GVCs u xi jfissru għal dawk li jfasslu l-politiki tal-UE, inkluż li jinfteħmu l-impatti ta' għażliet possibbli proprju tul il-ktajjen tal-valur.
- Livell għoli ta' integrazzjoni tas-suq huwa vitali għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur fil-livell reġjonali. Aktar approfondiment tas-suq intern huwa għodda b'saħħitha biex tingħata spinta lill-attrattività tal-UE u s-sehem tiegħu fil-GVCs.
- M'hemm l-ebda soluzzjoni ta' politika "waħda tajba għal kulħadd" fil-promozzjoni ta' tipi speċifiċi ta' attivitajiet. Il-ktajjen tal-valur u l-kwistjonijiet ta' politika jeħtieġ li jiġu vvalutati fuq bażi ta' każijiet individwali.
- Hemm opportunitajiet għal innovazzjoni tul il-katina tal-valur kollha b'modi li jmorru ferm lil hinn mir-riċerka u l-iżvilupp u jinkludu oqsma bħalma huma l-proċessi, il-loġistika u t-twassil ta' servizzi.
- L-UE tista' tgħin biex jitqarrbu lejn xulxin partijiet minn oqsma differenti biex jiġu identifikati s-sinerġiji bejn setturi, teknoloġiji u proċessi, li jistgħu joffru potenzjal ekonomiku sinifikanti.
- Sabiex tispjega l-funzjonament ta' GVC, il-Presidenza esplorat l-eżempju tas-settur ajruspazjali. Tista' titwettaq analiżi ulterjuri ta' setturi oħrajn taħt Presidenzi futuri.

g. Il-kontribut ta' strateġiji ta' raggruppament u ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti

Fl-ittra mibgħuta lill-Ministri għall-Kompetittività f'Ġunju 2015 (ara hawn fuq), il-Kummissarju Bienkowska enfasizzat l-istrateġiji ta' raggruppament u ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti bħala strumenti prinċipali għat-trawwim tal-kompetittività industrijali, il-kooperazzjoni strateġika min-naħa għall-oħra tal-fruntieri u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur Ewropej.

Il-politiki dwar ir-raggruppamenti jintużaw f'haġna reġjuni Ewropej bħala xprun għall-innovazzjoni u l-immodernizzar tal-industrija. Dawn jistgħu jkunu muturi ewlenin għall-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti f'ekosistemi reġjonali u lokali billi jixprunaw l-innovazzjoni, l-użu tat-teknoloġija u t-tixrid ta' għarfien. Jistgħu jkunu wkoll xprun importanti għall-integrazzjoni tal-SMEs fil-proċessi tal-innovazzjoni u fil-ktajjen tal-valur li jmorru lil hinn mill-fruntieri reġjonali u nazzjonali.

L-oġettiv tal-Presidenza kien li tevalwa l-politiki eżistenti tal-UE f'dan il-qasam u li tesplora kif għandha timxi 'l quddiem. Mid-diskussjonijiet irriżultaw b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

- L-istrumenti stabbiliti mill-Kummissjoni biex tiffaċilita kollaborazzjonijiet bejn ir-raggruppamenti ntlaqgħu b'mod pożittiv mill-Istati Membri.
- Huwa importanti li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn id-diversi strumenti u politiki eżistenti.
- Minħabba l-varjetà kbira ta' miżuri eżistenti, ikun ta' benefiċċju li tiġi żviluppata ħaġra ġenerali konsistenti lejn il-politiki eżistenti tal-UE, u lejn l-effettività tagħhom (ir-riżultati li nkisbu sa issa, lakuni eżistenti, eċċ.).
- L-istrateġiji ta' raggruppament jistgħu jagħtu riżultati konkreti billi joħolqu rabtiet bejn l-industrija u s-servizzi, filwaqt li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-intraprenditorija, u l-involviment tal-SMEs fi ktajjen tal-valur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħhom.

- Huma jistgħu wkoll jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-SMEs fi programmi tal-UE, bħal Orizzont 2020.
- L-istrateġiji ta' raggruppament jistgħu jaqdu rwol importanti biex jimmobilizzaw l-investiment privat f'proġetti innovattivi, l-immodernizzar tal-industrija, eċċ.
- L-involviment tal-UE jista' jagħti valur miżjud sinifikanti fil-promozzjoni tal-iżvilupp u l-parteċipazzjoni fi strateġiji ta' proġetti ta' raggruppament u ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti pan-Ewropej u interreġjonali.
- Għandu jiġi esplorat aktar il-potenzjal biex jingħaqdu flimkien reġjuni Ewropej ma' livelli konsiderevolment differenti ta' żvilupp.

IV. KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

L-integrazzjoni tal-kompetittività tfisser li wiehded jiżgura li kwistjonijiet ta' kompetittività jiġu kkunsidrati fit-tfassil tal-politika tal-UE u fil-koordinazzjoni tal-politika fil-livell nazzjonali, f'konformità mal-mandat tal-Kunsill Kompetittività. Din għandha titqies bħala proċess dinamiku u kontinwu.

L-isforzi għall-integrazzjoni tal-kompetittività mhumieq maħsuba biex jirduppljaw jew jirkbu fuq il-ħidma mwettqa fil-konfigurazzjonijiet l-oħra tal-Kunsill. L-integrazzjoni lanqas ma hi maħsuba biex tqajjem dubju dwar it-tweqqi ta' objettivi importanti u leġittimi ta' interess pubbliku.

Għall-kuntrarju, il-valur miżjud tal-Kunsill Kompetittività għandu jkun li jesplora l-modi l-anqas ta' piż, l-aktar effiċjenti u kosteffettivi biex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattat fil-politiki kollha li għandhom impatt potenzjalment sinifikanti fuq il-kompetittività – kemm fi ħdan kif ukoll barra l-ambitu tal-Kunsill Kompetittività – u li jżid il-konsistenza tal-politiki li jaffettwaw il-kompetittività. Ir-rwol tal-Kunsill Kompetittività għandu jkun li juri t-tħassib dwar il-kompetittività marbut ma' politiki speċifiċi jew ma' żviluppi fl-ekonomija reali.

Meta jagħmel dan, għandha tingħata attenzjoni speċifika biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tas-Suq Uniku u biex isir kontribut attiv għat-twettiq tagħha. Fi kwalunkwe każ, il-proposti kollha bbażati fuq bażi legali tas-Suq Uniku (Artikolu 114 tat-TFUE) għandhom jikkontribwixxu b'mod effettiv għal funzjonament aħjar tas-Suq Uniku.

Bl-appoġġ qawwi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, it-Triju tal-Preżidenza Taljana, Latvjana u dik Lussemburġiża ħa firxa wiesgħa ta' azzjonijiet għat-titjib tal-metodi ta' ħidma tal-Kunsill Kompetittività u bħala kontribut għall-integrazzjoni tal-kompetittività.

Il-bidliet fil-metodi ta' ħidma jieħdu ż-żmien biex jiġu fis-seħħ. Huwa ċar li jridu jiġu ttestjati u mtejba gradwalment sabiex jagħtu riżultati aħjar u konkreti b'mod konsistenti. Fuq perijodu medju u twil, struttura ta' governanza aħjar ibbażata fuq il-metodi ta' ħidma stipulati f'dan ir-rapport għandha tikkontribwixxi biex issaħħaħ l-influwenza tal-Kunsill Kompetittività, billi tipprovdi aktar kontributi aktar sostanzjali għal kwistjonijiet b'rilevanza għall-kompetittività tal-UE.

Abbażi tal-esperjenza u r-riżultati ewlenin meħuda mill-ħidma deskritta hawn fuq, il-Preżidenza Lussemburġiża tixtieq tressaq ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Presidenza dwar l-integrazzjoni tal-kompetittività

- **Il-lista ta' integrazzjoni tal-Presidenza** għandha l-potenzjal li ssir "bord ta' monitoraġġ" tal-fajls l-aktar importanti b'rilevanza għall-kompetittività. Għandha tinżamm aġġornata u sservi bħala dokument ta' sfond għall-proċess politiku, inklużi l-isforzi ta' koordinazzjoni fil-livell nazzjonali. Fil-futur, tista' tiġi inkluża fil-lista aktar informazzjoni dettaljata biex din issir aktar operazzjonali, bħal informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tad-diversi fajls u inizjattivi li jinsabu fiha, dwar jekk u kif twettqu l-valutazzjonijiet tal-impatt (b'mod partikolari rigward il-kompetittività), eċċ.
- L-Eżami tal-Kompetittività wera l-potenzjal tiegħu bħala strument ta' monitoraġġ għall-integrazzjoni tal-kompetittività u għat-titjib tal-funzjonament tal-Kunsill Kompetittività. L-Eżami għandu jinżamm bħala l-ewwel punt fuq l-aġenda ta' kull laqgħa tal-Kunsill Kompetittività. Għandu jiġi gradwalment imtejjeb abbażi tal-esperjenza, inkluż billi kull diskussjoni tkun aktar iffukata u billi jiġi żgurat segwitu sistematiku. Fir-rigward tal-kontenut tiegħu, l-Eżami għandu kull darba jkun marbut mill-qrib mal-kwistjonijiet li jidhru fuq l-aġenda tal-laqgħa rispettiva tal-Kunsill Kompetittività.
- **Il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir** jista' jaqdi rwol importanti fl-integrazzjoni tal-kompetittività. Il-Presidenzi li jmiss jistgħu jikkunsidraw li jwettqu aktar analiżi fil-fond dwar kwistjonijiet ta' integrazzjoni fil-Grupp ta' Livell Għoli, li mbagħad tista' tintuża għad-diskussjonijiet tal-Kunsill kif imħejjija mill-Coreper. Il-Grupp ta' Livell Għoli jista' wkoll ikun involut fis-segwitu għall-Eżami.
- F'termini aktar ġenerali, huwa kruċjali li jiġi promoss aktar **approċċ integrat għall-kompetittività** fi ħdan il-Kunsill Kompetittività u bejn il-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill. Il-prattika li jitressqu flimkien perspettivi differenti dwar suġġetti ewlenin billi jiġu organizzati laqgħat konġunti ta' gruppi ta' ħidma differenti tista' tikkostitwixxi metodu effettiv għall-ġbir ta' fehim komuni bejn oqsma diversi ta' għarfien espert.
- Hemm ukoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ta' proċessi politiċi kbar marbuta mal-kompetittività, bħas-**Suq Uniku Diġitali** u l-**Istrateġija tas-Suq Uniku**. Il-Kunsill Kompetittività għandu jassumi b'mod attiv ir-rwol tiegħu u b'mod regolari jieħu kont tal-progress miksub f'dawn l-oqsma ta' ħidma.
- Hemm talba qawwija għal informazzjoni aktar dettaljata rigward **iż-żmien u l-kontenut ta' azzjonijiet speċifiċi ppjanati mill-Kummissjoni** biex tiġi approfondita l-integrazzjoni tal-kompetittività, inkluż fir-rigward tad-**diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-UE**.
- Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tkompli jew tiżviluppa, fejn meħtieġ, **politiki u pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi** f'ċerti setturi u ktajjen tal-valur, bħala komplement għal miżuri orizzontali.
- Il-Kunsill għandu wkoll ikompli jagħmel monitoraġġ tal-**implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill** fuq bażi regolari. Kien twettaq eżerċizzju vast ta' analiżi taħt il-Presidenza Latvjana u dan jista' jiġu ripetut matul l-2016.

Il-Presidenza Lussemburġiża tistieden lill-Presidenzi futuri u lill-Kummissjoni biex jibnu fuq il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport u biex jikkunsidraw segwitu fuqhom.